

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank 's-Gravenhage, b'sede fi Zwolle-Lelystad (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-31 ta' Marzu 2011 — Bibi Mohammad Imran vs Minister van Buitenlandse Zaken

(Kawża C-155/11)

(2011/C 219/02)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Qorti tar-rinviju**

Rechtbank 's-Gravenhage, b'sede fi Zwolle-Lelystad

Partijiet fil-kawża prinċipali*Rikorrenti:* Bibi Mohammad Imran*Konvenut:* Minister van Buitenlandse Zaken**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja ⁽¹⁾ jippermetti lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul u r-residenza fit-territorju tiegħu lil membru tal-familja, kif imsemmi fl-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod legalment f'dan l-Istat Membru, għar-raġuni biss li dan il-membri tal-familja ma għaddiex barra mill-pajjiż mill-eżami ta' integrazzjoni ċivika kif previst mill-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru?
- (2) Sabiex tingħata risposta għad-domanda 1, il-fatt li l-membri tal-familja inkwistjoni jkun l-omm ta' tmient itfal, li sebgħa minnhom huma minuri, li joqgħdu legalment f'dan l-Istat Membru, huwa rilevanti?
- (3) Sabiex tingħata risposta għad-domanda 1, il-fatt li t-tagħlim fil-lingwa ta' dan l-Istat Membru jkun aċċessibbli għall-membri tal-familja fl-Istat ta' residenza, huwa rilevanti?
- (4) Sabiex tingħata risposta għad-domanda 1, il-kwistjoni jekk il-membri tal-familja, fid-dawl tal-livell ta' edukazzjoni tiegħu u tas-sitwazzjoni personali tiegħu, b'mod partikolari

s-sitwazzjoni medika tiegħu, ikunx jista' jgħaddi minn dan l-eżami fi żmien qasir, huwa rilvenanti?

- (5) Sabiex tingħata risposta għad-domanda 1, il-fatt li ebda sħarriġ ma seħħ fid-dawl tal-Artikoli 5(5) u 17 tad-Direttiva dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja, tal-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea, jew ukoll tal-prinċipju ta' proporzjonalità huwa rilevanti?
- (6) Sabiex tingħata risposta għad-domanda 1, il-fatt li ċ-ċittadini ta' ċerti pajjiżi terzi oħra huma eżentati, abbażi taċ-ċittadinanza tagħhom biss, mill-obbligu li jgħaddu barra mill-pajjiż mill-eżami ta' integrazzjoni ċivika huwa rilevanti?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van koophandel te Brussel (il-Belġju) fit-28 ta' April 2011 — L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea vs N.V. OTIS et

(Kawża C-199/11)

(2011/C 219/03)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van koophandel te Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali*Rikorrenti:* L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea*Konvenuti:* N.V. OTIS

N.V. KONE BELGIUM

N.V. SCHINDLER